Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 287/2017

**Western Co Ltd (attrici)**

**Vs**

**Carmel Agius u martu Emanuel Agius (konvenuti)**

30 ta' Lulju, 2018.

1. L-attrici harrket lill-konvenuti fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €3,596, *"prezz ta' bejgh ta' vettura tat-tip VW Passat bin-numru CBX 246 skont kuntratt ta' bejgh datat 6 ta' Awissu, 2008"*.

2. Il-konvenuti wiegbu li:-

    i. L-uniku bilanc dovut kien €400 li kienu diga' offrewh lill-attrici permezz ta' nota li pprezentaw fis-27 ta' April, 2015 bi twegiba ghall-ittra ufficjali li baghtet l-attrici fit-13 ta' April, 2015.
    ii. Skont il-ftehim ta' bejn il-kontendenti, il-prezz kien ta' €10,800 u fir-rigward ta' liema kienu gew iffirmati 60 kambjala. Bi svista l-konvenuti ffirmaw iktar kambjali. Ghalhekk kull ammont in eccess ta' €400 mhuwiex dovut.

3. B'sentenza tal-21 ta' Frar, 2018 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad it-talba tal-attrici wara li qal li mill-provi ma kienx irrizulta li l-konvenuti xtraw vettura VW Passat bin-numru CBX 246.

4. Fis-26 ta' Frar, 2018 il-konvenuti appellaw mis-sentenza. L-aggravju hu li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma messu qatt ghadda ghas-sentenza ghaliex mill-provi kien evidenti li t-tip ta' vettura u n-numru ta' registrazzjoni li jissemmew fl-avviz tat-talba, kienu zball.

5. Fit-2 ta' Lulju, 2018 il-konvenuti pprezentaw twegiba fejn ikkontestaw li kien zball. Komplew li kieku kien sar zball, l-attrici kienet titlob korrezzjoni tal-avviz tat-talba. Talba li fil-fatt ma saritx.

6. Wara li l-qorti qrat l-atti tosserva:

    i. Fl-avviz tat-talba jissemma li l-bejgh kien sar permezz ta' skrittura tas-6 ta' Awissu, 2008.

ii. Jirrizulta li dakinhar il-konvenuti xtraw vettura Toyota Yaris bin-numru GBH 436 (ara skrittura privata a fol. 22). Skont dak l-istess ftehim, il-prezz kien **Lm3,900 [€9,084.55]** u kellu jithallas permezz ta' pagamenti ta' €175 kull xahar. M'hemmx prova li dakinhar il-konvenuti xtraw xi vettura ohra minghand l-attrici. Ghalhekk kien altru milli evidenti li l-kawza kienet tikkoncerna t-Toyota Yaris li l-konvenuti xtraw minghand l-attrici permezz tal-imsemmija skrittura.
iii. Jirrizulta ukoll li l-konvenuti kienu ffirmaw 60 kambjala ghal €180 kull wahda (ara ittra tal-Bank of Valletta plc datata 21 ta' Lulju, 2008 a fol.9), b'total ta' €10,800.
iv. Mit-twegiba li pprezentaw il-konvenuti fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, hu evidenti li permezz tal-ewwel eccezzjoni ammettew li kienu debituri tal-attrici fis-somma ta' €400. Il-kumplament ikkontestawh.

7. Fil-fehma tal-qorti ladarba:-

i. quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'hemmx il-formalizmu li hemm quddiem il-qrati superjuri, fejn ukoll ilu snin jigi *diluted* konsiderevolment;
ii. fit-twegiba l-konvenuti ma taw l-ebda eccezzjoni li ma kinux il-legittimi kontradittur u anzi ammettew li huma debituri tal-atturi ghas-somma ta' €400. Mit-twegiba u dokumenti li pprezentaw kien evidenti li altru milli kienu jafu li l-kawza kienet sabiex ihallsu l-bilanc fuq il-vettura Toyota Yaris li kienu xtraw minghand l-attrici;
iii. mill-provi rrizulta li l-hlas li talbet l-attrici kien fir-rigward tat-Toyota Yaris li l-konvenuti xtraw minghandha. Tant hu hekk li qabel ipprezentat il-kawza, l-attrici pprezentat ittra ufficjali (13 ta' April, 2015) li biha sejhet lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' €3,596 skont il-kuntratt tal-bejgh tas-6 ta' Awissu, 2008. Kopja tal-kuntratt ta' xiri kienet mehmuza mill-ittra ufficjali li l-konvenuti pprezentaw mat-twegiba, u jirreferi ghall-vettura Toyota Yaris. L-istess konvenuti pprezentaw kopja tan-nota tas-27 ta' April 2015 bi twegiba ghall-ittra ufficjali fejn iddikjara li jammettu li huma debituri tas-somma ta' €400 u kkontestaw il-bilanc;

it-Tribunal ghal Talbiet Zghar kellu jew:

i. ma jatix is-sentenza u minflok jaghti l-opportunita lill-attrici sabiex tirregola ruhha; **jew**
ii. jiddeciedi l-meritu fuq il-vettura Toyota Yaris.

B'hekk jigu evitati iktar proceduri bla bzonn.

8. Bil-mod li pproceda t-Tribunal skarta ghal kollox l-ewwel eccezzjoni, li fiha ammissjoni li l-konvenuti huma debituri tas-somma ta' €400.

9. Mill-atti kien evidenti li fl-avviz tat-talba kien sar zball gialadarba mill-provi ma kienx irrizulta li l-konvenuti xtraw Volkswagen Passat bin-numru CBX 246 minghand l-attrici.

10. Wiehed irid jiftakar li skont l-artikolu 7 tal-Kap. 380 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu jiddeciedi skont l-ekwita. Dan fih innifsu jfisser li t-Tribunal m'ghandux joqghod jintilef wara formalizmu zejjed. Fejn titlob il-*fairness* ghandu dejjem ikun flessibbli. Ghall-qorti bil-mod li ddecieda t-Tribunal gie li skarta ghal kollox dan il-principju. Dan m'ghandux ikun. Mill-provi li tressqu kien altru milli evidenti li l-vettura li ssemmiet fl-avviz tat-talba, ma kinitx oggett ta' negozju bejn il-kontendenti. Ghalhekk hu evidenti li fl-avviz tat-talba kien sar zball genwin. Att gudizzjarju li mhu xejn ghajr semplici avviz sabiex il-konvenut jkun jaf ir-raguni ghalfejn ikun qieghed jintalab il-hlas tas-somma dikjarata fl-ewwel faccata tal-avviz. F'dan il-kaz, kif diga' spjegat, kien maghruf sew mill-konvenuti r-raguni ghalfejn intalbu jhallsu s-somma ta' €3,596 u fuq hekk it-Tribunal messu ddecieda l-vertenza.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-21 ta' Frar, 2018. Spejjez tal-ewwel istanza a karigu tal-attrici gialadarba kienet hi li hadet l-izball u baqghet ma haditx passi biex tirrimedja ghan-nuqqas taghha. Kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-appell taghha; l-atturi minhabba li naqsu milli jitolbu korrezzjoni minkejja li kellhom kull opportunita' u l-konvenuti peress li fit-twegiba argumentaw li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza tat-Tribunal konfermata.**

**In vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 8(4) tal-Kap. 380, din il-qorti stess ser tiddeciedi l-kawza fil-meritu wara li taghti l-opportunita' lill-partijiet sabiex jaghmlu sottomissjonijiet fuq il-provi li ngabru.**

Anthony Ellul.